Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija

IT-TMIEN LEĠISLATURA

26 ta' Marzu 2024

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.18 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

Hubert Saliba - Sindku

Jeanelle Attard - Kunsilliera

Domenic Zerafa – Kunsillier

Johnny Vella - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI(skond Ordni Permanenti 14A (3)):

Paul Azzopardi – Viċi Sindku

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Chrismar Xuereb - Deputat Segretarju Eżekuttiv

**66.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji**

66.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**66.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

66.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 65 kienu mibgħuta qabel il-laqgħa. Dawn ittieħdu bħal moqrija. Dawn ġew approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju rrispetivament.

**66.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

66.3.1 Is-Sindku Hubert Saliba semma kif fil-Playingfield tal-Ħamrija iż-żurżieqa ordnata u ghandha tasal u tiġi installata f nofs April. Inkunu nistghu nikkonkludu l proġett u nippjanaw opening. Is-Sindku qal li l-Cameras ser jeħlu fil-ġranet li ġejjien. Is-Sindku semma l-problema li qed ikun hemm fil-bandli minħabba l-użu tar-roti fil-bandli, hu ssuġġerixxa tabelli fid-daħla tal-bandli. Il-kunsilliera Jeanelle Attard saqsiet jekk hux kwalunkwe rota, u semmiet ukoll il-problema tal-ħmieġ tal-klieb. Is-Sa Attard ssuġġerita biex isiru tabelli biex jinġabar il-ħmieġ tal-klieb.

*16:24 Daħal fil-laqgħa Domenic Zerafa*

Is-Sindku semma wkoll li l-ħamrija li hemm ser tiġi mgħottija b'mulch li jfisser li anke t-tfal ikunu jistgħu jitilgħu fuqu Għaldaqstant huwa qal li mhux ġust li jitħallew l-klieb iħammġu fuq il-mulch jew fi kwalunkwe post ieħor. Il-Kunsill qabel li jevalwa ftit is-sitwazzjoni xħin jiġu nstallati l-cameras, u nagħmlu tabella in ġenerali biex kulħadd ikun responsabbli. Il-Kunsilliera Attard semmiet ukoll kif din il-problema tal-ħmieġ tal-klieb tinsab ukoll fi Ġnien il-Ħaddiem. Il-Kunsilliera Attard staqsiet ukoll dwar is-Sensory Equipment biex jiġi nstallat fil-Bandli. Is-Sindku ssuġġerixxa li nistaqsu lill-Perit dwar fejn nistgħu ninstallawhom fil-bandli tal-Ħamrija. Il-Kunsill qabel dwar dan. Biex isir il-ftuħ uffiċċjali tal-Bandli, għandna nistaqsu lill-Ministeru għal data sabiex niftehmu flimkien.

66.3.2 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li tkellem mal-Perit rigward il-Bandli tal-Barmil u qaltlu li dalwaqt jibgħatu l-affarijiet sabiex jinħareġ it-tender. Il-Kunsilliera Attard issuġġerit sabiex il-bandli ma jinqalax qabel l-affarijiet ikunu lesti biex jitlaq ix-xogħol sabiex ikun jista jibqa jiffunzjoni l-aktar possibli.

66.3.3 Is-Sindku Hubert Saliba nforma lil membri preżenti li nħareġ it-tender ta' Triq San Publiju mill-Ministeru Għal Għawdex. Il-Kunsillier Domenic Zerafa saħaq li anke Triq Torri Gorġun ilha żmien kbir tissemma u li t-triq għandha problemi kbar. Is-Sindku wieġeb li hu stess kien semmiha mal-Ministeru Għal Għawdex.

**66.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

66.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Domenic Zerafa, staqsa dwar l-istat tal-belveder tal-Barmil. Is-Sindku wieġeb li avviċina lid-Direttur Ġenerali biex jara ftit dwar l-istat. Is-Sindku ser jieħu ħsieb biex jerġa jiċċekkja ftit.

66.4.2 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet dwar il-kawża tal-Bandli ta' Ġokk, u staqsiet jekk din kienetx għaddiet mill-Laqgħa tal-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li kienet issejjħet laqgħa b'urġenza, datata 20 ta' Settembru 2023 u kienu mxew fuq il-parir tal-avukat. L-avukat kien tal-parir li l-Kunsill jiftaħ spoll. Is-Sindku reġa staqsa lill-Kunsilliera jekk iridux li titwaqqa l-kawża iżda ħadd min dawk preżenti ma ta' l-opinjoni. Il-kunsilliera Attard saħqet li meta saret il-laqgħa b'urġenza hi ma kienetx preżenti u allura ma kienetx parti mid-deċiżjoni.

66.4.3

## 66.5 Festa San Ġwann Battista 2024

66.5.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill lista aġġornata u dettaljata tal-infiq għall-attivitajiet, korsijiet u kollaborazzjonijiet oħra matul is-sena 2023. Il-Kunsill qabel li għall-attivita tal-Festa tat-Tfal 2024, li ser issir is-Sibt 22 ta' Ġunju, napplikaw għall-iskema mid-Direttorat Kulturali fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex, fejn fiha ninkludu l-ispiża tal-banda, tal-ġelat u anke tal-flokkijiet li ser isiru sabiex jintlibsu mill-bandisti u l-istudenti tas-Soċjeta Filarmonika Prekursur. Il-kunsilliera Jeanelle Attard issuġġerit li nagħtu token lit-tfal preżenti, bħal nuċċalijiet, is-Sindku ssuġġerixxa li jingħata token. Finalment il-membri preżenti qablu li jingħata ġelat bħas-sena preċedenti.

66.5.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv semma t-talba li saritlu għal diversi drabi mill-Grupp Organizzattiv tal-Ħamrija, sabiex dan il-Grupp jingħata servizz mill-Kunsill u jitħallas tiegħu. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul din il-proposta u ra liem servizzi jista jingħata. Il-Kunsill iddiskuta fid-dettall is-servizz tat-tqegħid tal-*barriers* li jitpoġġew kull meta jintrama l-monti fi Triq Widnet il-Baħar. Il-membri preżenti ħadu vot dwar dan u qablu li dan is-servizz jibda jsir mill-Grupp Organizzattiv tal-Ħamrija għall-ħlas ta' €100 fix-xahar.

*17:38 Daħlu fil-laqgħa 4 membri mill-Kumitat Ċentrali.*

66.5.3 Is-Segretarju tal-Kumitat Ċentrali, is-Sur Joseph Vella, qal li l-Kumitat Ċentrali beħsiebu jtella l-attivita magħrufa bħala Levant, nhar it-13 ta' Settembru 2024. Il-Kumitat Ċentrali talab li l-Kunsill ikun l-organizzatur ta' din l-attivita. Il-kunsill wieġeb li jiddiskuti dan fil-laqgħa li jmiss.

*18:10 Ħarġu mil-laqgħa l-membri tal-Kumitat Ċentrali*

## 66.6 Korsijiet 2024

66.6.1 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard semmiet il-kors tal-*musical sensory sessions* fejn qalet li tkellmet ma Stephanie Cipriott, il-librara tax-Xewkija. Il-Kunsill qabel li jsir dal-kors ta' 10 sessjonijiet.

66.6.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri preżenti dwar is-suġġeriment li kien sarlu mill-mitħna tax-Xewkija, biex il-Kunsill jibda jikkunsidra li jtella' xi workshops jew isiru xi korsijiet propju ġewwa l-Mitħna. Dan għar-raġuni biex nattiraw aktar nies u nagħtu aktar importanza lil dan is-sit storiku fix-Xewkija. Il-Kunsill qabel li għandu jara x'jista jsir il-quddiem f'din il-lokazzjoni.

66.6.3 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill li s-sessjonijiet li kienu għaddejin fil-Kunsill, li huma tal-Bizzilla, tal-Ganċ, tal-Kejkijiet u dak tal-Aerobics/Yoga wasslu fit-tmiem. Id-deputat staqsa lill-Kunsill jekk hemmx il-ħsieb li jitkomplew il-korsijiet u reġa ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill l-ispejjeż marbuta mal-korsijiet matul is-sena 2023. Il-Kunsill iddiskuta dan u qabel minnufih li l-korsijiet tal-Bizzilla u tal-Ganċ għandhom jerġgħu jsiru. Rigward il-kors tal-kejkijiet, awtomatikament minħabba li issa t-temp beda jaqleb, ma jkunx għadu lok li jsir dan il-kors. Is-sessjonijiet tal-Aerobics, General Fitness u Yoga, jerġgħu jibdew isiru wasal ix-xhur Sajfin.

## 66.7 Skemi

66.7.1 B'referenza għaċ-Ċirkulari SPI/SCI/2/2024 **Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi**, il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandu japplika taħt din l-iskema. Permezz ta' din l-iskema l-Kunsill ser ikun qed jagħmel il-parti tiegħu biex persuni bi bżonnijiet speċjali jintegraw u jkollhom aktar opportunitajiet fil-librerija tar-raħal tax-Xewkija. Dan billi jsiru xogħolijiet ta' tisbieħ, tibdil fl-użu tal-*Conference Room*, xiri ta' apparat u teknoloġija li tagħti kontribut għall-integrazzjoni fil-komunità.

66.7.2 B'referenza għaċ-Ċirkulari SPI/SCI/6/2024 Tnedija mill-ġdid tal-**Community Inclusive Employment Scheme** (CIES) is-Sindku Hubert Saliba ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu japplika taħt din l-iskema. Apparti li dejjem jekk tgħaddi din l-applikazzjoni nkunu qed innaqqsu mill-problema ta' nuqqas ta' staff fl-uffiċċju li preżentament tinħass, permezz ta' din l-iskema l-Kunsill ikun qed jagħmel il-parti tiegħu biex persuni bi bżonnijiet speċjali jintegraw fid-dinja tax-xogħol. Il-membri preżenti fil-laqgħa qablu unanimament li għandna napplikaw għall-persuna bħala *General Office Hand* fuq bażi *full-time*. Il-Kunsill qabel li jħallas il-parti tal-kontribuzzjoni tas-Sigurta' Soċjali li hu obbligat li jħallas bħala *employer* anke s-siegħat oltre minn dawk stabbiliti fil-kuntratt.

## 66.8 Ħarġa Jum l-Omm

66.8.1 Id-deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li d-data 10 ta' Mejju 2024 hija data li fiha tista ssir il-ħarġa ta' Jum l-Omm mingħajr ma taħbat jew ma ttellef lill-għaqdiet oħra. Il-Kunsill qabel li l-quddiesa ssir fil-Knisja ta' Santa Luċija, u l-ikla ssir fil-Band B Santa Lucia. Il-Kunsill qabel li tingħata xitla lil dawk kollha preżenti fl-okkażżjoni ta' jum l-omm.

## 66.9 Komunikazzjoni

66.9.1 Talba mill-iskola Primarja Roża Magro tax-Xewkija, sabiex jinxtraw *Freezer* u *Dough Sheeter*. Il-Kunsill qabel li jikkollabora biex tinxtara *freezer*.

66.9.2 Talba mingħand is-Sur Stephen Attard għall-kollaborazzjoni dwar ktieb li hu kiteb dwar missieru, li kien Surmast tal-Banda tax-Xewkija. Il-Kunsill iddiskuta dan u qabel li jinxtraw żewġ kotba għal-librerija tal-Kunsill.

66.9.3 Talba mis-Sur Ted Mizzi dwar kollaborazzjoni mill-Kunsill Lokali fil-pubblikazzjoni tal-ktieb 'The Rotunda' fejn qal li min dan il-ktieb ser tgawdi direttament il-parroċċa tax-Xewkija. Il-Kunsill qabel li jħallas €3000.00c.

66.9.4 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill it-talba tal-klabb tal-futbol, Xewkija Tigers, dwar iċ-ċerimonja kommemorattiva li huwa fil-ħsieb li jorganizza. Il-Kunsill iddiskuta dan u qabel li jkun lifetime member (€1,000.00c) u jħallas l-irħama kommemorattiva (€500c).

66.9.5 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri preżenti bit-talba mill-Kumitat Ċentrali sabiex il-Kunsill jikkollabora f'Milied Sajfi, li ser ikun is-Sibt 22 ta' Ġunju 2024. Il-Kunsill qabel li jieħu ħsieb l-iscreen u s-Sound għal din l-attività.

66.9.6 Talba mill-Kumitat Żgħażagħ Brijużi Xewkin sabiex jagħmel użu mill-iscreen li hemm fil-Pjazza waqt il-jiem tal-festa sabiex ikun jista jtella' filmati u ritratti relatati mad-donaturi ewlenin tagħhom. Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 66.10 Korrispondenza u Ilmenti

| | |
|---|---|
| 28/02/2024 | Cir AKL 2024/018_Caritas Malta Epilepsy Association Upcoming Forum. |
| 28/02/2024 | Cir AKL 2024/019_Training on Climate Adaption and Mitigation for Locally Elected Representative – 12 & 13 March 2024. |
| 29/02/2024 | Talba mingħand Colin Attard għall-għajnuna finanzjarja għall-Kunċert Gaulitana. |
| 01/03/2024 | Mandat tal-Qorti għal-Xhieda il-Ħamis 7 ta' Marzu 2024 fis-1.20p.m.. |
| 06/03/2024 | Korrispondenza mingħand Ms Antonella Refalo fejn talbet permess għall-birthday party f'Ta' Blankas fil-28 ta' Marzu, 2024. Il-Kunsill wieġeb li fil-preżent mhux qed jinħarġu permessi ta' dan it-tip. |
| 05/03/2024 | Korrispondenza mingħand is-Sur Martin Scerri Simiana fejn talab li jsir restawr ta' Sqaq Nru 5 fi Triq Santa Katarina. |
| 05/03/2024 | Seminar relatat mal-Ġimgħa l-Kbira, korrispondenza mibgħuta mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex. |

| | |
|---|---|
| 05/03/2024 | Korrispondenza mingħand id-Direttur dwar skema ta' Restawr. |
| 06/03/2024 | Korrispondenza mingħand l-Aġenzija Support fejn infurmat lil kunsilli li ser isir programm għal-tfal li għandhom ħuthom b'xi diżabilità. |
| 06/03/2024 | Ser issir is-*Second Briefing* fuq *Waste Management* għar-Reġjun u Kunsilli Lokali fil-15 ta' Marzu, 2024. |
| 06/03/2024 | Korrispondenza mingħand id-Direttur Ġenerali dwar l-Expo tas-Servizz Pubbliku li ser issir is-Sibt 18 ta' Mejju, 2024 f'Ta' Qali. |
| 07/03/2024 | Korrispondenza mingħand Reġjun Għawdex dwar Deadline tal-Iskema ta' Restawr. |
| 07/03/2024 | Cir AKL 2024/020_Kollaborazzjoni għat-tifi tad-Dawl waqt l-attivita' tal-'Earth Hour 2024' is-Sibt 23 ta' Marzu, 2024. |
| 07/03/2024 | Korrispondenza mingħand is-Sur Ted Mizzi fejn talab għajnuna għal-pubblikazzjoni tal-ktieb 'The Rotunda'. |
| 08/03/2024 | Korrispondenza mingħand is-Sur Stephen Attard fejn talab għajnuna finanzjarja għal-Ktieb li kiteb fuq missieru Guzeppi Farina Attard. |
| 08/03/2024 | Korrispondenza mingħand Melanie Scicluna fejn talbet użu tal-premises għall-'Skills Beyond Barriers'. |
| 08/03/2024 | Korrispondenza mingħand Jeremy Dalli fejn talab li jiġi rranġat Sqaq fi Triq Sant'Indrija. |
| 08/03/2024 | Publice Lecture Human *Right Model of Disability Implications for Research, Policy and Practice*. |
| 08/03/2024 | Interreg *Next Med Programme 2021-2027 1st Call for Project Proposals* 14th March 2023. |
| 09/03/2024 | SPI/SCI/06/2024 – Tnedija mill-ġdid tal-*Community Inclusive Employment Scheme (CIES).* |
| 13/03/2024 | Korrispondenza mingħand id-Direttur Ġenerali *MFWS: The Children and Armed Conflict Project*. |
| 13/03/2024 | Korsijiet fuq l-Awtiżmu u Kura għas-saqajn tad-Dijabetiċi. |
| 13/03/2024 | Korrispondenza mingħand il-Perit Scerri dwar *Malta Architecture and Spatial Awards* organizzat mill-P.A. |
| 13/03/2024 | Tħawwil ta' Siġra Kommemorattiva tal-kumitat Organizzattiv. |
| 14/03/2024 | Cir AKL 2024/023_*First Aid & AED Training Course 2024*. |
| 14/03/2024 | Cir AKL 2024/022_*Fire Warden Training 2024*. |
| 15/03/2024 | Cir AKL 2024/021_– *You Matter – Strengtening Minds, Building Resilience,* is-Sibt 13 ta April, 2024. |
| 15/03/2024 | Korrispondenza mingħand il-Kumitat Żgħażagħ Brijużi Xewkin sabiex jagħmlu użu mill-iskrin tal-Pjazza fil-ġimgħa tal-festa sabiex jirreklamaw dawk il-kumpaniji li jkunu taw l-għajnuna tagħhom. |
| 15/03/2024 | Korrispondenza mingħand Xewkija Tigers F.C. dwar l-ispejjeż li ser ikun hemm fl-attività tal-*Commemoration of Lifetime/Supermembers*. |
| 20/03/2024 | Korrispondenza mingħand il-kumitat Ċentrali tal-festa fejn talbu li jiġu rappreżentanti minn tagħhom jattendu għal-laqgħa tal-kunsill li jmiss biex jiddiskutu xi affarijiet dwar il-festa ta' San Ġwann li beħsiebhom jagħmlu mal-kunsill. |
| 20/03/2024 | Laqgħa Reġjun Għawdex Aġenda Nru 128 u Minuti Nru 127. |
| 20/03/2024 | Korrispondenza mingħand il-librara dwar xi xogħlijiet li tixtieq fil-librerija. |
| 21/03/2024 | Korrispondenza mingħand is-Sur Joseph Grech dwar toqob tal-bandalori fejn talab għall-kollaborazzjoni tal-kunsill. |
| 22/03/2024 | Korrispondenza mingħand Reġjun Għawdex dwar sessjonijiet ta' *Crafts fl-Okkażżjoni tal-European Artistic Crafts Day*. |
| 22/03/2024 | Korrispondenza mingħand il-kunsill Reġjonali Għawdex dwar parteċipazzjoni tal-ambaxxaturi taż-żgħażagħ sabiex jipparteċipaw bi proposti konkreti għall-elezzjoni tal-parlament Ewropew. |

| | |
|---|---|
| 22/03/2024 | Korrispondenza mingħand l-Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar taħditiet ta' Tisjir bil-Malti mis-sur Dougall. |
| 25/03/2024 | Korrispondenza mingħand il-Fuklar Folk Group fejn taw informazzjoni u dettalji relatati mal-grupp tagħhom, sabiex il-kunsill ikun jaf bihom u meta jkun hemm attivitajiet relatati jkun jista' jistedinhom. |
| 25/03/2024 | Elezzjoni għall-membri tal-parlament Ewropej – 8 ta' Ġunju, 2024 - applikazzjoni għal-residenti barranin li għandhom dritt jivvotaw għall-elezzjoni tal-Ewropa. |

<u>Ilmenti</u>

| | |
|---|---|
| 01/03/2024 | Talba mis-sur Matthew Azzopardi biex issir *Zebra Crossing* fi Triq tal-Ħamrija viċin il-ħanut *Fructica*. Il-Kunsill wieġeb li dik it-triq taqa' taħt il-Ministeru Għal Għawdex allura għandna nibgħatu lilhom. |
| 02/03/2024 | Ilment bit-telefon minn resident dwar ħmieġ fi Triq tal-Kanal mill-bini tax-Xewkija għal ħdejn il-*heliport.* |
| 05/03/2024 | Talba mis-sur Joseph Mary Sciberras fejn qal li jixtieq 'Yellow Line' ma ġenb il-bieb tal-istore li għandhom biex ma jipparkjawx quddiem il-bieb tal-istore ħalli tkun tista toħroġ u tidħol xħin trid. |
| 06/03/2024 | Is-Sur Gregory Gatt jixtieq li titwaħħal Mirja tat-Traffiku ma' 'The Dome', Triq Santa Elizabetta, Xewkija għax biex joħroġ mid-dar qed ikun hemm ħafna periklu. Hemm arblu tad-dawl u qal li tista teħel miegħu. |
| 07/03/2024 | Is-sa Marisa Cappiara talbet għall-*zebra crossing* ħdejn tax-Xiber Restaurant fi Triq tal-Ħamrija. |
| 07/03/2024 | Is-sa Marisa Cappiara ssuġġerit li jiġu nstallati CCTV cameras minħabba il-ħmieġ tal-klieb li qed ikun hemm fi Ġnien il-Ħaddiem. |
| 08/03/2024 | Talba biex 'Bus Stop ' li hemm Triq Ħamrija titneħħa għax qiegħda quddiem il-bibien u twieqi ta' residenza ġdida. Il-Kunsill qabel li nitkellmu mal-perit sabiex jara fejn tista' tiġi rilokata. |
| 08/03/2023 | Talba biex tiġi rilokata l-'Bus Stop ' li hemm fi Triq San Bert mis-Sa Angela u Adrian Saliba. |
| 08/03/2023 | Talba mis-sa Roberta Attard sabiex terġa ssir *sleeping police* fi Triq San Leonardu. Il-Kunsill qabel li nkellmu lil Ministeru Għal Għawdex dwar dan peress li hija triq arterjali. |
| 18/03/2024 | Is-sa Theresa Farrugia talbet biex issir 'Yellow Line' fil-kantuniera Triq Sansun ma Triq San Ġwann għax qed jipparkjaw fil-kantuniera. Il-Kunsill qabel li nibgħatu lill-Transport Malta biex jara dwar dan. |
| 20/03/2024 | Talba mis-sur Christopher Cassar biex issir sleeping police fi Triq il-Mitħna minħabba s-sewqan li qed ikun hemm fid-daħla tax-Xewkija. Il-kunsill qabel li nibgħatu lill-Transport Malta. |
| 21/03/2024 | Is-sa Yvonne Attard talbet li s-sinjali sofor li hemm faċċata tagħha jittawwal ftit għax ma tkunx tista' toħroġ il-karozza. |
| 21/03/2024 | Talba mis-sur Shaun Mizzi jixtieq li jsir *double yellow line* mal-ġenb tal-garaxx tar-residenza tiegħu. |
| 22/03/2024 | Talba biex titranġa bankina ta' Michelle Spiteri. |
| 25/03/2024 | Talba mis-sur Jimmy Saliba biex il-bozza li hemm mar-residenza tiegħu tiġi mressqa peress li ser isir xogħol ta' kostruzzjoni. |
| 26/03/2024 | Talba mis-sa Elaine Zammit Haber biex issir mera oħra sabiex tiggwida aħjar lil min ikun ħiereġ minn Triq Santa Katerina għal Triq tal-Ħamrija. Il-kunsill qabel dwar dan. |

**66.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda ta' Pagamenti**

66.11.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill li kienet intbagħtet mal-Aġenda għall-attenzjoni tal-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**66.12 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

66.12.1 Il-laqgħa ntemmet fit-19:46. Is-Sindku aġġorna l-laqgħa sine die.

| | |
|---|---|
| Hubert Saliba | Chrismar Xuereb |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |